



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-378/13

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Ir-Repubblika Ellenika

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 75/442/KEE — Immaniġġar ta’ skart — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ eżekuzzjoni — Artikolu 260(2) TFUE — Sanzjonijiet pekunjarji — Somma f’daqqa u pagamenti ta’ penalità”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-2 ta’ Diċembru 2014

- Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Terminu għall-eżekuzzjoni — Data ta’ riferiment sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tan-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu*
(Artikolu 228(2) KE; Artikolu 260(2) TFUE)
- Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni ta’ direttivi — Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern — Inammissibbiltà*
(Artikolu 258 TFUE)
- Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Pagamenti ta’ penalità — Kundanna għall-ħlas — Kundizzjoni — Nuqqas li jibqa’ jeżisti sal-ġhoti tas-sentenza*
(Artikolu 260(2) TFUE)
- Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Pagamenti ta’ penalità — Determinazzjoni tal-għamla u tal-ammont — Setgħa diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kriterji*
(Artikoli 258 TFUE u 260(2) TFUE)
- Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Pagamenti ta’ penalità — Determinazzjoni tal-ammont — Pagamenti ta’ penalità li jonqsu gradwalment*
(Artikolu 260(2) TFUE)

6. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Pagamenti ta' penalità — Somma f'daqqa — Kumulu ta' żewġ sanzjonijiet — Ammissibbiltà*

(Artikolu 260(2) TFUE)

7. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Impożizzjoni ta' somma f'daqqa — Setgħa diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kriterji ta' evalwazzjoni*

(Artikolu 260(2) TFUE)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 26, 27)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 29)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 47, 50, 51)

4. Fir-rigward tal-ammont u tal-għamla tal-pagamenti ta' penalità imposti fuq Stat Membru, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, li għandha tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalità b'mod li jkunu, minn naħa, adatti għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati mal-ksur ikkonstatat, kif ukoll, mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-proposti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-pagamenti ta' penalità ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja u huma biss punt ta' riferiment utli. Bl-istess mod, il-linji gwida bħal dawk inklużi fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda jikkontribwixxu sabiex jiggarantixxu t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni nfisha meta din l-istituzzjoni tagħmel proposti lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċedura bbażata fuq l-Artikolu 260(2) TFUE dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jissokta min-naħa ta' Stat Membru minkejja l-fatt li dan l-istess nuqqas ikun ġie kkonstatat f'sentenza inizjali mogħtija abbażi tal-Artikolu 226 KE jew tal-Artikolu 258 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jibqa' jkollha l-libertà li tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalità imposti fl-ammont u fl-għamla li hija tikkunsidra xierqa sabiex tinkoraġġixxi lil dan l-Istat Membru jtemm l-ineżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn din is-sentenza inizjali tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Għaldaqstant, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterji bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi żgurata n-natura koerċittiva tal-pagamenti ta' penalità fid-dawl tal-applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni huma, fil-prinċipju, it-tul tal-ksur, evalwat billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-mument li fih il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-fatti u mhux il-mument li fih din tal-aħħar tkun adita mill-Kummissjoni, il-grad ta' gravità tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni reċenti tal-prodott domestiku gross tiegħu kif tkun fid-data tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-applikazzjoni ta' dawn

il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni għall-interessi privati u pubbliċi, kif ukoll l-urġenza li l-Istat Membru kkonċernat jiġi inċentivat jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu.

(ara l-punti 52, 53, 57, 58)

5. Sabiex tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni sħiħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pagamenti ta' penali għandhom jintalbu fl-intier tagħhom sakemm l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex itemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat. F'ċerti każijiet partikolari, tista' madankollu tiġi prevista sanzjoni li tiegħu inkunsiderazzjoni l-progress li jkun eventwalment sar mill-Istat Membru fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu.

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-metodu ta' kalkolu ta' dawn il-pagamenti ta' penali kif ukoll tal-frekwenza tagħhom, il-pagamenti ta' penali li jonqsu gradwalment u li jiġu stabbiliti kull sitt xhur jippermettu li ssir evalwazzjoni tal-istat ta' progress tal-miżuri ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tas-sitwazzjoni li tipprevali fi tmiem il-perijodu inkwistjoni.

(ara l-punti 60-62)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 71)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 72-77)